MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 231/2013

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur tat-3 ta’ Mejju 2013 li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

2. Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien u tali zwieg qatt ma gie kkonsumat;

3. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment mill-partijiet;

4. Illi l-esponent ghandu relazzjoni ma' mara ohra u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla li llum ghandha 8 snin.

5. Illi l-intimata ukoll ghandha relazzjoni ma' ragel iehor, kif ukoll ghandha tfal minn din ir-relazzjoni;

6. Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra l-fatt illi qatt ma ghexu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi li l-partijiet mhumiex legalment separati u l-partijiet qatt ma resqu talba ghas-separazzjoni personali.

Talab illi din il-Qorti:-

“1. Tordna l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti;

2. Konsegwentement tordna li l-eventwali digriet jew sentenza ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku”.

Rat li l-konvenuta nonostante li giet notifikata fl-10 ta’ Mejju 2013 ma pprezentatx risposta u ghalhekk hija kontumaci.

Semghat ix-xhieda tal-attur fl-udjenza tal-15 ta’ Ottubru 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 xehed l-attur u kkonferma l-kontenut tar-rikors promotur.

Mill-provi orali u dokumentarji jirrizulta s-segwenti.

Il-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Gunju 2002 u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur jirrizulta illi ghalkemm bejn il-partijiet ma hemmx sentenza ta’ Qorti jew kuntratt dwar  separazzjoni personali, il-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin.

Jirrizulta wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u li ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta’ manteniment. Qabel giet intavolata din il-kawza l-attur kien istitwixxa proceduri ta’ medjazzjoni li pero’ ma waslux lill-partijiet ghall-ftehim.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

Ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------